MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 86/2004

**Frank Mizzi**

**vs**

**Paul Borg**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Illi l-attur kien impjegat mal-konvenut ghal xi zmien.

Illi l-konvenut naqas milli jhallsu paga ghaz-zmien bejn l-1 ta’ Lulju 2002 u s-16 ta’ Settembru 2002 liema paga tammonta ghas-somma ta’ sitt mija u tnejn u tmenin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm682.50).

Illi permezz ta’ proceduri kriminali, il-konvenut gie dikjarat li huwa naqas milli jhallas paga ghal dan iz-zmien lill-attur.

Illi ghalkemm interpellat, il-konvenut naqas milli jeffetwa l-hlas dovut.

Illi l-attur qieghed jitlob il-hlas ta’ dan l-ammont flimkien ma’ l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri.”

Ra r-risposta:

“1. Preliminarjament hija eccepita l-preskrizzjoni ai termini ta’ l-artikoli 2147 et seq tal-Kodici Civili, cioe’ il-preskrizzjoni ta’ sena, illi hija ukoll il-preskrizzjoni applikabbli kriminalment ghar-rejat ta’ nuqqas ta’ pagament ta’ salarju.

2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konvenut ma ghandu jaghti xejn lil attur minn dak mitlub.

3. Illi d-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes.

Sema l-provi;

Ra n-noti ta’ sottomissjonijiet ;

**Ikkunsidra:**

Illi l-kwistjoni mertu ta’ din il-kawza - l-ammont ta’ hlas ta’ pagi mhux imhallsin – diga’ giet ittrattata u deciza fid-decizjoni kriminali msemmija mill-attur. Bhala regola generali, huwa minnu li l-azzjoni civili u l-azzjoni kriminali huma indipendenti minn xulxin. Imputat liberat kriminalment jista’ jigi misjub responsabbli civilment; vici versa, konvenut mehlus civilment jista’ jinstab hati kriminalment. Pero’ fil-kaz prezenti, l-azzjoni kriminali tista’ thalli effetti civili. Hekk l-akkuzat, mhux biss jista’ jehel multa (pagabbli lill-istat) talli ma hallasx il-paga, talli jista’ wkoll jigi kkundannat ihallas il-pagi dovuti (lill-impjegat tieghu). Ordni simili tal-qorti jkollha effett u tkun esegwibbli bl-istess mod daqslikieku tkun inghatat f’kawza civili bejn l-impjegat u l-principal (Artiklu 41(4) Kap 135).

Fl-istanti, fil-fatt ma nghatat l-ebda ordni bhal din, ghalkemm l-imputat instab hati kriminalment, minhabba nuqqas tal-provi dwar l-ammont ta' granet ta' xoghol mahduma. L-impjegat ghalhekk istitwixxa l-kawza prezenti biex jiehu l-ammont ta' paga minnu pretiz. Fil-fehma tat-Tribunal, ghat-talba tieghu hemm l-ostaklu tar-res judicata. Huwa evidenti li l-legislatur, sabiex jevita l-multiplikazzjoni tal-kawzi, kif ukoll sabiex jiffranka l-flus lill-impjegat billi jevitalu li joqghod jaghmel kawza civili, holoq b'mod eccezzjonali procedura li ghandha l-effetti duplici kemm civili kif ukoll kriminali. Huwa ghamel dan bla pregudizzju ghad-dritt tal-impjegat li jirrikorri, jekk irid, ghal proceduri civili (ara proviso ghall-Artiklu 41(4) ). Pero' dan m'ghandu bl-ebda mod ifisser, fil-fehma ta' dan it-Tribunal, li allura l-legislatur ried jaghti dritt ghal ezami doppju tal-kwistjoni tan-nuqqas tal-hlas tal-pagi. Tfisser li l-impjegat ghandu ghazla bejn zewg tribunali differenti. Imma jekk kemm-il darba tkun inghatat decizjoni mill-Qorti tal-Magistrati, l-impjegat m'ghandu l-ebda jedd jerga' jirrikorri ghall-Qorti civili jew ghal dan it-Tribunal. F'sitwazzjoni analoga, gie deciz li decizjoni tal-Kummissjoni Dwar l-Impjiegi tohloq l-ostaklu tal-gudikat fil-konfront tal-Qorti Kostituzzjonali[1].

Tassew li l-partijiet f'din il-kawza ma ssollevawx l-eccezzjoni tar-*res judicata*, u li mhux car, fil-gurisprudenza taghna, jekk il-Qorti (jew dan it-Tribunal) tistax tissoleva hi stess *ex officio* l-gudikat. Dan it-Tribunal ihoss li, specjalment galadarba l-gudikat precedenti jkun ingieb a konjizzjoni tieghu, huwa ma jistax jinjorah, ghax il-haga gudikata *si compie per opera di un organo dello Stato e non puo' lo stesso organo, se non per via di statuizione su un mezzo lecito d'impugnativa, distruggere cio' che ha fatto.* Inghad ukoll li din il-konkluzjoni hija bbazata *sulla precisa necessita' che il giudice non tolga serieta' alla funzione giudiziaria, poiche' egli non puo' paragonarsi al*

[1] Albert Pace Cole vs Ic-Chairman tal-Maltacom p.l.c. – Onor Tonio Mallia – Prim'Awla – Gurisdizzjoni Kostituzzjonali: *il-gurisdizzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Impjiegi, kif ukoll tat-Tribunal ghall-Affarijiet tal-Konsumatur, mhiex wahda la obligatorja u lanqas esklussiva, pero', darba parti jadixxi dik il-Kummissjoni u jissottometti ruhu ghall-gudizzju taghha, fil-fehma tal-Qorti, ma jistax jinjora u jarmi dik id-decizjoni, u jipprova jitlob l-istess rimedju band'ohra*

*tenitore d'un gioco d'azzardo, presso il quale si tenta la sorte fino a che si fanno poste da esporre all'alea*[2].

Ghaldaqstant jehles lill-konvenut milli joqghod fil-kawza billi ghall-azzjoni odjerna hemm l-ostaklu tal-gudikat. Spejjez a kariku tal-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[2] Mattirolo, Vol V pagni 40 u 41.